MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 67/2006/1

**Unpaused Company Limited**

**vs**

**Horos Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Lulju, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz ppezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma ta' tlett elef mija u erbghin lira u sittin centesmu Maltin (LM3,140.61), rapprezentanti din is-somma prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata mis-socjeta attrici fuq struzzjonijiet taghha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata tnejn w ghoxrin (22) ta’ Dicembru 2005, u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hi ngunta ‘n subizzjoni.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Horos Limited fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-ammont reklamat fl-avviz mhux dovut u dan kif sejjer jigi ppruvat permezz ta’ dokumentazzjoni fil-pussess tas-socjeta eccipjenti u permezz ta’ xhieda.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar id-disgha (9) ta’ Novembru 2006 xehed **Alfio Agius**, gojjellier u stqarr li huwa ghandu hanut minn fejn ibiegh id-deheb u l-fidda. Ikkonferma li xi zmien ilu kien xtara minghand is-socjeta attrici, konsenja t’arloggi. Jghid li effettivament ma kienx negozju ta’ darba, ghaliex kien jixtri minghandha regolarment, u fil-fatt kien ihallas pagamenti akkont kull xahar, skond ftehim li kellu maghha. Gara, li darba minnhom xtaq jghamel ordni u s-socjeta attrici ma kellhiex *in stock* w ghalhekk kellu jirrikorri ghand agenti ohra. Huwa spicca espona materjal iehor tieghu ghal biegh fil-post fejn kien ipoggi l-arloggi tas-socjeta attrici. Qal li ‘n segwitu kien mar rapprezentant tas-socjeta attrici u qallu li ma kienx kuntent li huwa mhux qed jirriserva post fil-vetrina ghall-effetti tas-socjeta attrici, u spiccaw tterminaw l-ftehim li kien hemm bejniethom.

Huma ghalhekk gibdu l-kontijiet biex jaraw x’effettivament kien ghad baqa’ bhala bilanc. Huma ftehmu u s-socjeta attrici hadet xi materjal lura u hallsitu xi flus ukoll. Huwa esebixxa lista tal-oggetti li s-socjeta attrici hadet lura minghandu, liema lista giet immarkata bhala Dok. HL 1. Jghid li fuq din il-lista l-partijiet kienu qablu w iffirmaw it-tnejn fuqha.

Jispjega pero li fl-ahhar pagna ta’ din il-lista hemm il-firma ta’ John Manche, li huwa rapprezentant tas-socjeta attrici, fejn hemm indikat li l-kont kien *settled*. Issa, gara li wara li ghamlu l-konteggi bejniethom, sabu li kien hemm bilanc favur tieghu li ried jithallas minnhom, pero minflok li tawh lura l-flus, tawh merkanzija tal-istess valur u huwa accetta dan.

Huwa esebixxa *statement* mibghut lilu mis-socjeta attrici li gie markat bhala Dok. HL 2. Jirizulta pero li mill-kalkoli maghmula mis-socjeta attrici, huwa kien ghad fadallu jiehu minghand is-socjeta attrici ftit aktar minn lira Maltija. Huwa esebixxa dokument iehor datat tmienja w ghoxrin (28) ta’ Lulju 2005 li huwa *transaction history* li baghtitlu s-socjeta attrici fejn hemm indikat li huwa kien ghad baqghalu jiehu minghandha is-somma ta’ lira u sebgha u hamsin centezmu.

Spjega ulterjorment, li wara li huma ghamlu dan il-ftheim u issetiljaw kollox, u wara li sar dan l-arrangament ghal habta tal-Milied tas-sena 2005, huwa ddecieda li jerga jordna xi merkanzija minghand is-socjeta attrici. Iddecieda pero li huwa jhallas kull konsenja xoghol li jgib. Qal li huwa xtaq li jmur jaghzel arloggi meta jaslu ghand is-socjeta attrici pero irrizulta, li ghalkemm is-socjeta attrici kellha diversi arloggi, huwa ma marx jaghzel l-ordni, u wara ftit ircieva *statement* li permezz tieghu s-socjeta attrici kienet qed titlob minghand il-konvenut is-somma ta’ LM3,14.0. Huwa ghalhekk minnufih cempel lis-socjeta attrici u staqsihom x’kienet ir-raguni ghal dan il-kont u gie mgharraf minn John Manche, li l-arrangament li kellhom qabel kien zbaljat, ghaliex il-kompjuter kien ha zball.

**John Manche** xehed nhar it-t-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Marzu 2007 fejn qal li huwa jahdem bhala Sales Director mas-socjeta attrici. Ikkonferma li s-

socjeta minnu rapprezentata, kienet tbiegh hafna arloggi u gojellerija lis-socjeta konvenuta tul medda ta' zmien, xi tmien xhur, pero kien hemm mumenti meta ma xtaqx ibiegh aktar prodotti lis-socjeta konvenuta. Qal li dan gara ghaliex huma kienu ibieghulu prodotti ta' certu ditta w il-konvenut kien qed ipoggihom vicin prodotti ta' ditta ohra u dan fuq id-*displays* taghhom w ghalhekk, fil-fehma tieghu l-konsumatur kien qed jigi zvijat dwar il-merkanzija taghhom.

Jghid li darba minnhom kien ircieva xi komunika minghand it-Tribunal tal-Konsumatur u huwa kien kiteb lil Financial Controller taghhom u cioe lil Nick Scicluna, sabiex ighidlu kemm kien il-kont li s-socjeta konvenuta kellha pendenti. Dak il-hin inghata il-kont li kien jindika li l-bilanc kien ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500). Huwa ghalhekk kien mar ghand il-konvenut u gabar merkanzija sa dak l-ammont. Fil-post dakinhar, kien hemm Alfio Agius u *sales girl* tieghu. Jghid li sa dak il-hin ghalhekk huwa ma kellu jiehu xejn aktar minghand is-socjeta konvenuta. Huwa mbaghad baghtlu *credit note* u *statement* li jindika li l-bilanc kien zero u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni ohra dakinhar.

Meta gie muri d-dokument immarkat bhala Dok. HL 1, huwa kkonferma l-kontenut tieghu u qal li dak id-dokument huwa iffirmat minnu u meta iffirmah kien qabel mal-kontenut tieghu. Jghid li dan kien sar f'Gunju 2005.

Dwar id-dokument immarkat bhala Dok. HL 2, datat tletin (30) ta' Gunju 2005, jghid li dan huwa dokument mibghut mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, li jindika li l-bilanc favur is-socjeta konvenuta kien ta' LM1.57.

Jiftakar pero li xaghrejn wara kien mar fuqu Nick Scicluna, il-Financial Controller u qallu li kellhom zball fis-*software* taghhom u minn ezami li

ghamel, irrizulta li s-socjeta konvenuta ghada debitrici taghhom fis-somma ta’ LM3000. Huwa ghalhekk kien cempel lil Alfio Agius, u qallu b’dak li kien gralu. Ittanta jispjegalu x’kienet is-sitwazzjoni, izda Alfio Agius ma tahx cans jispjega. Huwa rega’ tkellem mal-Financial Controller taghhom w issuggerielu sabiex jitkellem mal-Financial Controller tas-socjeta konvenuta u effettivament hekk kien ghamel. Irrizultalu li l-Accountant tas-socjeta konvenuta qabel ma dak li qallu l-Accountant tieghu, izda Alfio Agius ma riedx jaccetta. In segwitu, Alfio Agius qallu li xtaq jerga jibda negozju mieghu, izda huwa li kien lest li jhallsu *cash* u huwa accetta, purche l-kwistjoni pendenti, tibqa mpregudikata. Huwa ma qabilx ma dan is-suggeriment. Jghid ukoll li s-socjeta konvenuta ma kienitx qed tonora l-pagamenti taghha fi-zmien li kienu dovuti.

**Nick Scicluna** xehed fl-istess jum tat-tlieta w ghoxrin (23) ta’ Marzu 2007 w ikkonferma li huwa ghamel zmien jokkupa l-kariga ta’ Financial Controller tas-socjeta attrici. Qal li jiftakar li xi zmien ilu, John Manche kien mar talbu biex jipprovdilu l-bilanc li kien hemm dovut mis-socjeta Horos Limited rigwardanti biegh t’arloggi u gojjellerija lis-socjeta konvenuta. Qal li dak iz-zmien il-kompjuter tieghu kien indika li l-konvenut kellu bilanc maghhom ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) u fil-pront John Manche mar ikellmu u kien gab lura merkanzija f’dak l-ammont.

Jghid li dak iz-zmien kellhom xi problema fis-*software* taghhom ghaliex kien hemm xi *invoices* li ma kienux qed jidhru. Jghid li effettivament, is-socjeta konvenuta kellha taghti lis-socjeta attrici, ftit aktar minn tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Qal li effettivament kellhom din l-istess problema ma terzi persuni, pero fil-konfront taghhom il-kwistjoni kienet giet transatta. Jghid li kien ukoll tkellem mal-Financial Controller tas-socjeta konvenuta li kienet ammettiet li verament is-socjeta konvenuta

kienet debitrici taghhom. Dan nonostante, meta tkellem ma Alfio Agius, baqa’ bla twegiba.

Huwa esebixxa *statement* li gie markat bhala Dok. CSH u stqarr li dak huwa l-bilanc kif indikat fl-avviz. Fil-fatt hija it-*transaction history* ta’ bejn il-partijiet tal-kawza. Huwa esebixxa ukoll *invoices* individwali li hemm referenza ghalihom fit-*transaction history* esebit w immarkat bhala Dok. CSH. Dawn l-*invoices* gew immarkati komplessivament bhala Dok. CSH 1. Spjega li fuq kull *invoice* li hemm fid-dokument CSH 1, hemm il-firma ta’ rappresentant tas-socjeta konvenuta, li tindika li s-socjeta konvenuta kienet irceviet il-merkanzija msemmija fl-*invoice*. F’dawk il-kazijiet fejn ma hemmx firma, din tinsab fuq l-ordni rispettiva ta’ dik l-*invoice*.

Mistoqsi jekk hemmx xi *invoices* partikolari li ma kienux gew imhallsa, x-xhud jghid li ma hemmx, peress li s-socjeta konvenuta ma kienitx thallas skond l-*invoice* relattiv, izda dejjem *on account*. Ikkonferma li l-*invoices* li huwa esebixxa, jirrapprezentaw in-negozju kollu li kien hemm bejn is-socjetajiet kontendenti. Huwa esebixxa wkoll il-*credit notes* li hemm indikati fit-*transaction history* u dawn gew immarkati bhala Dok. CSH 2.

Illi nhar l-ghaxra (10) t’April 2007 is-socjeta attrici pprezentat nota b’numru ta’ dokumenti, li huma kopji ta’ ricevuti ta’ hlasijiet li saru mis-socjeta konvenuta. Dawn gew markati bhala Dok. UCL 1.

**Christopher Muscat**, Direttur tas-socjeta attrici, xehed nhar is-sebgha w ghorin (27) ta’ Gunju 2007 w ikkonferma li d-dokumenti markati bhala Dok. UCL 1, huma l-hlasijiet li saru mis-socjeta konvenuta. Jghid li fil-fatt fit-*transaction history* esebit u cioe d-Dok. CSH, hemm indikati dawn il-hlasijiet fil-kolonna ntitolata ‘*credit transaction*’. Ikkonferma li hemm zewg ricevuti li ma jaqblux bl-ezatt, pero jaqblu fit-total. Qal li s-socjeta

konvenuta kienet thallas nofs il-pagament dovut fi zmien tletin jum u l-bilanc fi zmien sittin jum. Hija kienet tohrog *invoice* wahda u kienu jaqsmu l-ammont. Jikkonferma li t-total tal-ircevuti u t-total tal-*credit* fit-*transaction history* jaqblu.

Rat in-nota ta' sottomssjoni tas-socjeta attrici pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Marzu 2008.

Rat in-nota ta' sottomssjoni tas-socjeta konvenuta pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju 2008.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn, u cioe qabel ma tidhol u tiddiskuti l-fatti specie tal-kaz in desamina, din il-Qorti sejra telenka 'n materja ta' provi, r-regoli li ghalija huma l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku.

l. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariki tal-parti li tallega fatt, l-oneru li jgib il-prova ta' l-esistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sia fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus excipieno fit actor). (*Ara Kollez. **Vol. XLV1 p1 p 5.)**

2. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, '*jista ikun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta*.' (**Kollezz. Vol. XXXV11 p1 p 577).**

3. Il-gudikant adit mill-mertu tal-kaz, hu tenut jiddecidi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet, jigifieri minn dawk ic-cirkostanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda

jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-provi, ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju ‘n kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat, mhux veru ghax mhux ippruvat.

4. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-appezzament tar-rizultanzi probabtorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar atendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali mpost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku.

5. Huwa minnu illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah anke jekk biex jaghmel dan, mhux necessarjament jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergent mir-rizultanzi processwali (Ara **Avv. J Buttigieg noe vs Jos Portelli noe** Appell Kummercjali datat sitta w ghoxrin (26) ta’ Jannar 1976 u **Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe** Appell deciz nhar l-hamsa (5) t’Ottubru 1998.)

6. Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji, jinkombi lill-attur b’obbligu u fl-ewwel lok li jipprova b’mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux, il-konvenut jibqa assistit mill-principju li l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f’kaz li l-attur ikun irnexxielu imqar ‘prima facie’ jistabilixxi t-tezi tieghu, li mbaghad il-piz tal-prova jissosta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif inghad minn **Phipson on Evidence** 11th Edition para 103 ‘*In civil cases the evidential*

*burden may be satisfied by any species of evience sufficient to raise a prima faccie case*.'

L-istess awtur jispjega wkoll (op. Cit. Para 91) li r-regola

"*Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio' is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case*.'

Ferma din l-introduzzjoni, bla dubbju l-kwistjoni hawn sottomessa, hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kedibilta li trid tinghata lil provi struttorji hawn migbura. Valutazzjoni din, li necesarjament trid tkun wahda globali, fil-kwadru t'investigazzjoni unitarju w organiku.

Mill-elementi tal-provi proceduralment akkwiziti, din il-Qorti trid tissenjala dawn il-fatti ta' sustanza.

1. Jirrizulta mill-provi li mhumiex kontestati li bejn is-socjetajiet kontendenti kien hemm negozja fis-sens li s-socjeta konvenuta kienet tixtri minghand is-socjeta attrici gojjellerija w arloggi.
2. Illi jirrizulta wkoll minn ezami tal-kontijiet pendenti li s-socjeta konvenuta ma kienitx thallas skond l-*invoice* ta' kull konsenja, izda kellha kont kurrenti maghha u kienet thallas *on credit*. Dan ukoll mhux kontestat.
3. Illi li nqala intopp li s-socjeta konvenuta kienet qed tpoggi merkanzija taghha hdejn dik tas-socjeta attrici fuq id-*displays* taghha tirrizulta wkoll u kien minhabba f'hekk li nqala d-dizgwid bejn il-partijiet. Dan mhux kontestat lanqas.
4. Jirrizulta li f'xi zmien skond il-kontijiet tas-socjeta attrici l-pendenza ta' bejniethom kienet giet regolarizzata, b'dan illi s-socjeta attrici hadet lura xi xoghol li kienet ikkonsenjat lis-socjeta konvenuta w ghalhekk il-bilanc kien gie zero. Dan mhux kontestat lanqas.

5. Gara li pero wara xi zmien, is-socjeta attrici irrejalizzat illi kellha xi hsara fis-*software* tal-kompjuters taghha u li 'n effetti s-socjeta konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont indikat fl-avviz. Din hi l-vera kontestazzjoni odjerna.

Illi s-socjeta attrici ghalhekk, permezz tax-xhieda taghha pprezentat *transaction history* tan-negozju kollu li ghadda bejn is-socjetajiet kontendenti. Esebiet ukoll kull *invoice* imsemmija f'dan id-dokument u sahansitra anke kull *credit note* imsemmija biex b'hekk waslet ghad-debitu dovut u cioe ghas-somma msemmija fl-avviz.

Ippruvat ukoll ghaliex is-socjeta konvenuta ma kkontestatx dan, li kull *invoice* hija ffirmata minn rapprezentant tas-socjeta konvenuta u fejn m'hemmx firma fuq l-*invoice*, hemm firma fuq l-ordni.

Ressqet ukoll lid-Direttur taghha jikkonferma li l-bilanc imsemmi fl-avviz ghadu dovut.

Illi minn naha l-ohra s-socjeta konvenuta qed issostni li hija m'ghandha taghti xejn lis-socjeta attrici, u dan kif jirrizulta mill-istess dokument mahrug mis-socjeta attrici u cioe Dok. HL 2, fejn hemm indikat li s-socjeta konvenuta ghandha bilanc dovut favur taghha fl-ammont ta' ftit aktar minn lira Maltija. In oltre ssostni li stante li kien hemm ftehim bejn il-partijiet dwar il-kanonizzazzjoni ta' bejniethom, is-socjeta konvenuta ma messa qatt intavolat din il-kawza, izda semmai, pprezentat kawza sabiex jigi dikjarat li l-ftehim kien wiehed vizzjat.

Dwar dan il-punt, issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) deciza nhar sittax (16) ta' Gunju 2003 fl-ismijiet **Michael Scerri et noe vs Phillip Petroni et noe** kkwotata mis-socjeta attrici fin-nota taghha fejn intqal li:

"*Anke fejn ikollok kwittanza bejn il-partijiet, il-kont jista jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk jirrizulta li kien hemm xi cifri zbaljati, xi addizzjoni jew sottrazjoni hazina xi ommissjoni ta entrati dwar partiti jew ta' hlasijiet li jkunu saru*." (Ara f'dan is-sens decisjoni fl-ismijiet '**Emilia sive Amy Bartoli vs Avukat Dottor Edoardo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar id-dsatax (19) ta' Frar 1937).

Jinghad li gia f'sentenza ohra qabel din kien intqal li:

"*Qualunque approvazione di conti s'intende sempre fatta senza pregudiio di errori od ommissioni. Verificati tali errori l'interessato puo sempre, nonostante la quittanza, insistere per la correzione e per essere indennizzato delle partite errate od omesse*." (Vide **Negte Jacob Sonaja et nomine ve Abraham Salila Hauania** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali nhar it-tlieta (3) ta' Mejju 1907 **Vol. XX p1 p 262.)**

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'l fuq, il-Qorti hija konvinta li effettivament is-socjeta konvenuta ghadha debitrici tas-socjeta konvenuta fl-ammont imsemmi fl-avviz.

Jigi rilevat li fl-ebda stadju ma s-socjeta konvenuta ttentat tikkontesta xi dokument ipprezentat mis-socjeta attrici jew tressaq xi prova kuntrarja ghal dak li esebiet l-istess socjeta attrici.

Konsegwentement il-Qorti qieghda, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tlett elef mija u erbghin lira u sittin centezmu Maltin (LM3,140.61) ekwivalenti ghal sebat elef tlett mija u hmistax il Euro u hamsa u sittin Euro centezmu (€7315.65) lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjes u bl-imghax jithallsu mill-istess socjeta konvenuta.”

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta. L-obbjezzjoni taghha hi koncepita fis-sens illi bejn il-partijiet ma kienx hemm biss kwittanza izda wkoll ftehim li kien jirrigwarda anke valutazzjoni u ritorn ta’ merkanzija u tali, la sar bil-miktub, kien jikkostitwixxi transazzjoni. Minn din il-proposizzjoni taghha s-socjeta` appellanti tigbed l-argoment illi t-talba tas-socjeta` attrici ma setghetx tigi determinata ghaliex preordinatament hi kellha tassikura x-xoljiment tat-transazzjoni;

Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod terga’ tirriepiloga l-fatti tal-kawza ghaliex dawn huma sew imtennija fis-sentenza appellata. Tillimita ruhha *in primis* ghall-osservazzjoni illi la minn xi eccezzjoni formali u lanqas min-Nota ta’ sottomissjonijiet (fol. 103) ma jirrizulta illi l-punt legali issa devolut gie mqanqal quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad. Difatti minn imkien ma nsibu illi sar minimu accenn dwar l-ezistenza ta’ xi transazzjoni bejn il-partijiet, tant li l-ewwel Qorti ma okkupatx ruhha minn simili kwestjoni la ma gietx sollevata;

F’kull kaz, lanqas ma jidher li s-socjeta` appellanti ghandha ragun fuq l-assunt taghha illi dak konkordat bejn iz-zewg socjetajiet kellu mill-karatteristika ta’ transazzjoni. Hu provdut mid-definizzjoni ta’ l-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili illi “it-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b’xi haga li jaghtu, iweghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir”. Huwa evidenti minn dan il-vot tal-ligi illi l-oggett tat-transazzjoni hi l-litigazzjoni ezistenti bejn il-partijiet jew ghall-evitar taghha u li l-partijiet intendew li jeliminaw billi jaghmlu koncessjonijiet reciproci permezz tas-sagrificcju tal-pretensjonijiet opposti;

Fuq il-materja l-gurisprudenza, sew lokali, sew estera, hi illustrattiva tar-riflessjonijiet guridici segwenti:-

(1) “*La transazione suppone l’esito incerto di una lite o la previene coi suoi amichevoli accordi, e questa è l’idea che Ulpiano ha espresso – ‘qui transigit, quasi de res dubia et lite incerta neque finita transigit’.*” – “**Com. Pasquale Bonello -vs- Com. Matteo Grech**”, Qorti tal-Kummerc, 9 ta’ Jannar, 1875;

(2) “*Per la validita` della transazione si richiede che la causa sia dubbia o di esito incerto; che basti un timore di pericolo o sospetto di una lite futura in controversia*” – “**Banchiere Emmanuele Scicluna -vs- Il Padre Lettore Fra Domenico Pace *nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 2 ta’ Jannar, 1884;

(3) “It-transazzjoni ghandha zewg elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-ohra; l-ewwel wiehed hu d-dubbju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrisolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-*hinc inde remissum*, cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku” – “**Carmelo Mallia -vs- Dr. Paul L. Bernard**”, Appell Civili, 23 ta’ Novembru, 1959;

(4) “*Affinchè un negozio possa essere considerato transattivo è necessario, da un lato, che esso abbia ad oggetto una ‘res dubia’, e cioè cade sopra un rapporto giuridico avente, almeno nell’opinione delle parti, carattere di incertezza, e dall’altro lato, che, nell’intento di far cessare la situazione di dubbio venutasi a creare tra loro, i contraenti si facciano delle concessioni reciproche, nel senso che l’uno sacrifichi qualcuna delle sue pretese in favore dell’altro, indipendentemente da qualsiasi rapporto di equivalenza fra ‘datum’ e ‘retentum’.*” – **Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, 22 ta’ Frar, 2000, Numru 1980**;

Fil-kaz prezenti l-karatteristici appena illustrati ma jikkonfigurawx fil-fattispeci. L-ebda *res dubia* ma kienet tezisti u l-ebda kontroversja li kienet tenhtieg kompromess

specjali permezz ta' xi sagrificcju ta' xi pretensjoni. Il-partijiet ghamlu l-konteggi taghhom u f'dak il-mument partikulari, ghallanqas din kienet l-impressjoni tas-socjeta` attrici appellata, illi l-kwestjoni dwar dawn l-istess konteggi giet "*settled*" (ara dokumenti esebiti minn fol.14 sa fol.17);

Apparentement, hadd mill-partijiet jew mix-xhieda prodotti ma indika li kien jezisti f'dak il-mument stat ta' dizgwid li potenzjalment seta' jipprovoka proceduri litigjuzi. Dak li s-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili, tat-28 ta' Gunju, 1962 in re: "**Filippo Chircop -vs- AIC Godwin Drago**", tikkwalifika bhala "kawza imminenti";

Jinzel minn dan illi, kif enuncjat, meta "ftehim fejn il-partijiet jikkonvjenu dwar oggett li fuqu ma hemm pendenti ebda kawza jew li fuqu ma kien hemm ebda hsieb ta' kawza imminenti dan ma jikkostitwixxix transazzjoni kif kontemplata fil-ligi" ("**Grazio Patiniott *et* -vs- Anthony Cini *et*** ", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001);

Il-ftehim *de quo* kien jikkonsisti minn semplici kwittanza konsegwita minn dak il-kalkolu li sar bejn il-partijiet. Dokument simili ghandu l-valur probatorju tieghu in kwantu hu dikjarattiv ta' adempiment ta' obbligazzjoni pekunjarja. Certament ukoll, kieku *gratia argomenti* gie accertat u pprovat li kienet tezisti kontroversja generativa ta' *lite*, dik il-kwittanza kellha l-ingredjent li testingwi dik il-kontroversja u setghet allura tikkostitwixxi dokument ta' konfessjoni extra-gudizzjali ta' kuntratt ta' transazzjoni avvenut u b'effikacja pjena. Hawnhekk, dan ma huwiex il-kaz u, allura, is-socjeta` appellanti lanqas ma tista', legittimament u guridikament, tippretendi illi, preventivament, ghall-azzjoni kreditorja taghha s-socjeta` attrici tassikura l-otteniment tax-xoljiment tat-transazzjoni;

L-ewwel Qorti, korrettement hafna fil-hsieb tal-Qorti, sabet illi bi zvista s-socjeta` attrici appellata kienet ghamlet zball ta' kalkolu u li, avolja kien hemm il-kwittanza, dan ma kienx jippreludiha milli tittutela l-patrimonju taghha b'talba

*ad hoc* ghall-kreditu ommess mill-kalkolazzjoni. Jigi osservat illi, kif ritenut mid-dottrina u l-gurisprudenza "*qualunque approvazione di conti s'intende sempre fatta senza pregiudizio di errori od ommissione. Verificati tali errori, l'interessato puo sempre, nonostante la quittanza, insistere per la correzione e per essere indennizato delle partite errate od omesse*" ("**Negte. Jacob Souaja *et nomine* -vs- Abraham Salila Hanania**", Appell Kummercjali, 3 ta' Mejju, 1907. Ankorke, kien jitratta minn transazzjoni l-istess dritt hu *ope legis* koncess lill-partijiet, ex-Artikolu 1735 tal-Kodici Civili li jipprovdi li "kull wahda mill-partijiet ghandha dritt li titlob li jigi msewwi zball ta' kalkolu li sar fit-transazzjoni." Ara "**Antonio Xuereb *et* -vs- Salvatore Pisani**", Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta' Gunju, 1938;

Rigwardata mill-aspetti kollha possibbli l-lanjanza tas-socjeta` appellanti ma tirrizultax li hi gustifikata, lanqas fis-sustanza taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------